# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tmienja (8) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu, 2011, fl-4.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| | Eddie Bonello | Kunsillier- Skuzat |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.
2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Il-kunsilliera ppreparaw il-lista t'affarijiet li hemm bżonn għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi.
4. Id-Deputat SE għandu jara x'drinks se nġibu
5. Il-kunsilliera qablu li nagħżlu lil Neriku Caterers għall-ikel
6. Il-kunsilliera qablu li VersAgħtini għandhom idumu madwar siegħa għas-serata ta' nhar is-Sibt 7 t'April.
7. Il-kunsilliera qablu wkoll li se jużaw u jħallsu lil 'helpers' li se jkun hemm għall-attivitajiet.

**Korrispondenza**

8. Il-Kunsill irċieva email mingħand il-pulizija biex jistiednu lil wieħed mill-kunsilliera għal laqgħa dwar l-abuss ta' drogi. Il-Kunsill qabel li jibgħat rappreżentant tal-Kunsill.
9. Vodafone bagħtu email bil-proposta tagħhom għall-plakka li jixtiequ jwaħħlu f'Misraħ San Ġużepp dwar premju li rbaħna għal proġett tat-tisbieħ. Il-kunsilliera ma qablux mal-kelma 'sponsorjat' li użaw Vodafone għax fil fatt huma mhumiex l-isponsors.
10. L-eks Segretarju Ezekutiv Derren Busuttil daħħal għal ftit minuti biex jispjega is-summary tal-awdituri. Meta spiċċa l-ispjegazjoni tiegħu, ntemmet id-diskussjoni u l-kunsilliera rringrazzjawħ għax-xogħol li għamel.

**Ħwejjeġ oħra**

11. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jara ma EneMalta dwar il-kont li rċevejna għal arblu ġo Triq il-Kuċċard.

12. Is-Sindku se jibgħat ittra lil BOV dwar il-konsum tal-elettriku tal-ATM li s'issa qed iħallas il-Kunsill.

13. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 7

14. Il-laqgħa intemmet fit-8.10pm.

15. Il-laqgħa li jmiss se tkun fl-4 t' April 2011.

Approvati llum 19/04/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv